

Brussell, 14 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7180/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0040(COD)

TRANS 170
CODEC 621
PREP-BXT 102

NOTA

| | |
|------------------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| Nru. dok. preċ.: | ST 6915/19 |
| Nru dok. Cion: | ST 6340/19 |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tas-sikurezza u tal-konnettività ferrovjarja fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (L-ewwel qari)(Deliberazzjoni leġislattiva) <ul style="list-style-type: none">– Tħejjija għall-adozzjoni tal-att leġislattiv– Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni |

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq fit-12 ta' Frar 2019 lill-Kunsill. Hija parti mill-"miżuri ta' kontinġenza" bil-għan li jtaffu matul perijodu tranżitorju l-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim ta' ħruġ.
2. Il-proposta tipprevedi li tittawwal il-validità ta' ċertu tip ta' awtorizzazzjoni ta' sikurezza tal-infrastruttura ferrovjarja biex tiġi żgurata l-kontinwità mingħajr tfixkil tal-operazzjonijiet ferrovjarji transfrontieri lejn u mir-Renju Unit. Htiegħa speċifika tirriżulta mill-fatt li ftehim bilaterali bejn Franza u r-Renju Unit jeħtieġ li jiġi adattat għas-sitwazzjoni l-ġdida sabiex ikun jista' jkompli jipprovdi l-qafas xieraq ta' ġestjoni tas-sikurezza għal dawn l-operazzjonijiet.

3. Il-proposta tikkomplementa d-Direttiva 2004/49/KE¹. Il-validità estiża tal-awtorizzazzjonijiet għal ċerti partijiet tal-infrastruttura ferrovjarja f'konformità mal-liġi rilevanti tal-UE għandha tkun limitata fiż-żmien għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-adattament għas-sitwazzjoni l-għdida. Il-miżura ta' kontinġenza hija kondizzjonali fuq l-applikazzjoni ta' standards ta' sikurezza identiċi mar-rekwiżiti tal-UE għall-infrastruttura fit-territorju tar-Renju Unit li tintuża għall-konnettività ferrovjarja transfruntiera.
4. Il-grupp ta' ħidma ad hoc (l-Artikolu 50) iddiskuta l-proposta fl-14 u fis-26 ta' Frar 2019 u pprova gwida lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art iddiskuta l-proposta fil-25 ta' Frar u fl-4 ta' Marzu 2019. Id-delegazzjonijiet FR, PL u UK daħħlu riżerva ta' skrutinju parlamentari. Id-delegazzjonijiet appoġġaw il-proposta, u qablu li jestenduha għal liċenzji u awtorizzazzjonijiet speċifiċi oħra li għalihom kienet tidher meħtieġa wkoll miżura ta' kontinġenza. Il-grupp għażel ukoll estensjoni tal-perijodu ta' validità rispettiv għal 9 xhur. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni rriserva l-pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-estensjoni taż-żmien u fir-rigward tal-inklużjoni tal-liċenzji tas-sewwieqa tal-ferrovija fil-kamp ta' applikazzjoni.
5. Fis-6 ta' Marzu 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva mandat għal negozjati² li ppermetta lill-Presidenza tiegħu sehem f'taħditiet esploratorji qabel il-votazzjoni fl-ewwel qari fil-Parlament Ewropew.
6. Fil- Parlament Ewropew, is-Sur Ismail Ertug (S&D, DE) inġatar rapporteur fis-27 ta' Frar 2019. Qabel il-ħatra tiegħu, il-koordinaturi tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu qablu li jimmiraw għal deċizzjoni fil-Plenarja mingħajr rapport tal-Kumitat, bl-użu ta' proċedura urġenti.
7. It-taħditiet esploratorji fil-11 ta' Marzu 2019 urew li l-pożizzjonijiet indikattivi tal-Parlament u tal-Kunsill kienu viċin ta' xulxin. B'mod parallel ma' dawn it-taħditiet, komplet b'urġenza revizzjoni mill-ġuristi-lingwisti tat-testi li kien qed isir progress fihom.
8. Il-Parlament Ewropew ivvota dwar il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-13 ta' Marzu 2019, kif stipulat fl-addendum għal din in-nota.

¹ Direttiva 2004/49/KE fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità, ĠU L 164, 30.4.2004, p.44.

² Dokument 6915/19.

9. Il-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti fis-sustanza l-mandat miftiehem mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-6 ta' Marzu 2019. Madankollu, il-Parlament Ewropew żviluppa premessa 3 tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni (premissa 4 tat-test iffinalizzat). Din il-premissa tirrifletti l-isforzi li qed isiru mill-awtoritajiet responsabbli b'mod konġunt għall-immaniġġjar tas-sikurezza fil-mina taħt il-Kanal Inġliż fl-iżvilupp tal-qafas futur ta' ġestjoni. Fil-qosor, id-differenza bejn il-pożizzjoni tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u l-pożizzjoni indikattiva stabbilita fil-mandat tal-Coreper hija essenzjalment³ limitata għal din il-parti tal-premissa 4.
10. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub:
- jaqbel mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-addendum għal din in-nota,
 - jistieden lill-Kunsill biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, u
 - jiddeċiedi b'mod unanimu dwar l-użu tal-proċedura bil-miktub għall-approvazzjoni tal-Kunsill (l-Artikolu 12 (1) RP), fejn għandha tintuża din il-proċedura jekk meħtieġ biex jiġi żgurat li r-Regolament jiġi adottat qabel id-data tal-ħruġ. Fil-każ li d-data tal-ħruġ tkun imtawla sa wara laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jiġi mistieden għal approvazzjoni permezz ta' nota punt 'A'.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Barra minn hekk, ġiet miżjuda l-premissa 11 li tirreferi għall-prinċipju ta' sussidjarjetà u din ġiet abbozzata bl-istess mod bħall-premissa 12 tar-Regolament dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (2018/0433 (COD)).